

# Il-Kappella ta' Sant'Andrija fl-inħawi tal-Mosta

Dr. George Cassar



L-inħawi li llum jinsabu fit-truf tal-lokalità tal-Mosta kienu, fis-sekli mbiegħda, ippopolati minn numru ċkejken ta' nies li kienu jgħixu f'irħejjel li llum ma baqa' xen minnhom – kultant lanqas l-istess isem tagħhom. F'din il-kitba ser nitkellem biss fuq irħajjel wieħed patikulari li għandu konnessjoni ma' Sant'Andrija, u dan għax kien hemm kappella ċkejkna ddedikata lill-qaddis li kienet ilha teżisiti għallinqas minn żmien il-Medju Evu. Din il-kappella kienet tinsab f'dik iż-żona li antikament kienet magħrufa bħala Ħal Dimekk jew Ħal Dmigħ.

## Raħal Dimekk jew Dmigħ

Dan l-irħajjal kien viċin Ħal Pessa għax fil-lista tad-Dejma tal-1419-20 jitniżżlu flimkien. Jissejħu *Casali Bise et Dimag*. Hemm indikazzjoni li Rachal Dumeh jew Dumag jew Dimech, ġie abbandunat matul il-perjodu bejn l-1420 u l-1425 għax ma baqax jikkontribwixxi rġiel iżjed għall-milizzja lokali, magħrufa bħala d-dejma, u n-nies li kienu jgħixu hemm jidher li marru joqogħdu fl-irħula l-oħra tal-viċin.[1] Naturalment kull raġel li kien miżżewweġ jew jgħix mal-familja tiegħu, ħa lil qrabatu miegħu u hekk ir-raħal tbattal.

Dan ir-raħal, anki jekk battal, baqa' jissemma' fl-atti notarili. Ngħidu aħna n-Nutar Graciano Vassallo f'dokumenti notarili tat-8 u t-13 ta' Ottubru 1488 isemmi *contrata* fir-*rahal dumag* u jerġa' jindikah bħala *rachal dumeh* meta jsemmi *contrata* fl-14 ta' Diċembru1530.[2] F'dan l-aħħar dokument tissemma' l-għalqa tal-Qares (*tal cares*),[3] post li għadu marbut sal-lum mal-kappella ta' Sant' Andrija, appunta magħrufa bħala 'tal-Qares'. Madwar nofs is-seklu sbatax Ġan Franġisk Abela jgħid li minn dan ir-raħal ma kien baqa' xejn wieqaf ħlief ismu.[4]

Madankollu, jidher li anki jekk il-kappella medjevali kienet ġiet abbandunata, u probabbli ġġarfet, din ma baqgħetx hekk għal dejjem.

## Il-Kappella ta' Sant'Andrija

Tant hu hekk li jidher ċar li l-kappella ddedikata lil Sant' Andirja reġgħet inbniet fis-seklu sbatax. Mons Pietro Dusina kien semmiha fil-viżta tiegħu imma dak iż-żmien kienet tagħmel mat-territorju tal-Mellieħa.[5] Dik indikata minn Dusina kienet tmur lura għas-seklu ħmistax.[6]





Kollox jindika li l-kappella reġgħet inbniet fl-1657 u din id-data tinsab imnaqqxa fuq il-blata tal-bieb ewlieni tal-kappella li hemm illum.

Il-kwadru titulari hu dak ta' Sant' Andrija u ġie mpitter minn Filippo Dingli. Din il-kappella kienet issir fiha l-festa tal-qaddis fit-30 ta' Novembru u kienet tiġi ċċelebrata bil-kant tal-għasar u l-quddiesa kantata. Użanza marbuta ma' din il-festa kienet dik li jitqassam il-lewż u ġellewż lil dawk preżenti waqt il-funzjoni.[7]

Kurżità marbuta ma' din il-kappella hi li bħalha eżatt tinsab kappella oħra fil-limiti taż-Żurrieq. Din hi wkoll iddedikata lil Sant'Andrija u t-tnejn huma magħrufin bħala 'Ta' Berniġa'. Storja li tmur lura ħafna fis-snin tirrakkonta li hemm żewġ kappelli bħal xulxin daqstant 'il bogħod minn xulxin għar-raġuni li darba, raġel għani miż-Żurrieq jismu Indrì

Bonnici u magħruf bħala 'Berniġa', u li kien dilettant kbir taż-żwiemel, ħarab bih iż-żiemel li kien riekeb. Dan Bonnici ma rnexxilux iwaqqaf dan l-annimal sfrattat u għamel wegħda ma' Sant' Andrija li jekk joħroġ minn dil-biċċa b'wiċċ il-ġid jibni żewġ kappelli, waħda fil-post minn fejn telaq u l-oħra fil-post fejn ikun wasal, u jiddedikahom lill-qaddis ta' ismu. Jidher li ż-żiemel għejja u waqaf il-Mosta u hemm, dan Berniġa, tella' l-kappella li kien wiegħed.[8]

Il-kappella tal-Mosta kienet baqgħet tintuża għan-nies tal-inħawi meta lejn it-tieni parti tas-seklu għoxrin Mons. Antonio Buhagiar kien iqaddes fiha u jsir talb ieħor u hekk in-nies taż-żona baqgħu magħquda fl-imkien.[9]

Din il-kappella ġratilha ħafna ħsara strutturali kaġun li kienet tinsab f'żona minfejn kienu jgħaddu ħafna trakkijiet mgħobbija u tqal u li waqt li jgħaddu minn ħdejha kienu jriegħduha. Kompliet titgħarraq meta tela' bini ġdid madwarha u bix-xogħol tat-trinek li sar fis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor tfaċċaw ukoll konsenturi li rriduċew din il-kappella f'binja perikoluża. Sar ċintorin tal-ħadid biex il-bini ma jaqax. Viċin tal-kappella nbena ċentru pastorali biex iservi din iż-żona pastorali li ngħatat l-isem ta' Żona Sant' Andrija. Aktar tard, bil-ħidma konġunta bejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta u l-Gvern ta' Malta, sar ir-restawr meħtieġ taħt il-Perit Norbert Gatt.[10] Dan



tlesta fil-bidu tas-snin elfejn u hekk il-kappella reġgħet issaħħet u ġiet salvata mill-qerda.

Illum il-Kappella ta' Sant' Andirja tintuża f'okkażjonijiet partikulari imma ma tinfetaħx kuljum. Hi miżmuma tajjeb ħafna u mżejna minn ġewwa b'mod sempliċi u adattat. L-arkitettura ma fiha xejn straordinarju u l-unika laqtgħa ta' rilevanza hu is-saqaf mibni nofs tond. Il-bqija tal-ħitan huma lixxi u neqsin minn kull forma ta' disinn għajr għal kurdun madwar il-kappella kollha fuq nett, fejn il-ħitan jiltaqgħu mas-saqaf. Hemm ukoll prospettiva x'aktarx elaborata bi skultura Rinaxximentali li turi żewġ puttini fin-naħa t'isfel tal-prospettiva filwaqt li fuq ix-xellug u l-lemin tal-kwadru titulari hemm disinn forma ta' speċi ta' spirall ta' weraq. Dan il-lavur fil-ġebla mhux ta' xi preġju speċjali. Hemm naturalment l-artal maġġur li għandu żewġ skannelli u b'tabernaklu kwadru sempliċi.

Għalkemm il-Kappella ta' Sant'Andrija hi waħda minn ħafna li kienu u għadhom jinstabu fil-kampanja Maltija (għalkemm illum ħafna minnhom spiċċaw miblugħha mill-iżvilupp), nistgħu ngħidu li fis-sempliċità tagħha xorta hemm il-preġju tal-arkitettura tal-vernakular – jiġifieri dak il-bini tal-lokal li jirrifletti s-sempliċità tal-popolin. Kappelli bħal din huma wirt li għandu jkun protett u kkultivat għax, wara kollox, anki dan il-bini juri l-għeruq tal-poplu tagħna u l-Fidi Nisranija li ħadna b'wirt minn dawk li ġew qabilna u li bnew dawn il-kappelli biex jimmanifestaw dak li kienu jgħożżu u jemmnu fih.

**Referenzi**


1 S. Fiorini, 'Il-Mosta u l-inħawi ta' madwar fiż-Żmien tan-Nofs', G. Cassar (ed.), *Ex Annalibus Mustæ* (Malta, 2005), 62-3.

2 G. Wettinger, *Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800* (Malta, 2000), 274.

3 *Ibid.*, 434.

4 G.F. Abela, *Della Descrittione di Malta* (Malta, 1647), 70.

5 Ara G. Cassar u J.G.M. Borg, *Il-Mosta, l-Mostin u r-Rotunda Tagħhom Matul iż-Żminijiet* (Malta, 2006), Kapitlu 7.

6 Fiorini, 91; T. Terribile, 'Il-Knisja ta' Sant' Andrija', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard – Mosta, *Festa Santa Marija 2002* (Malta, 2002), 181.

7 Terribile, 181.

8 P. Buhagiar, 'Il-Kappella ta' Sant'Andrija', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard – Mosta, *Festa Santa Marija 2003* (Malta, 2003), 262.

9 Terribile, 181.

10 A. Spiteri, 'Il-Kappella ta' Sant'Andrija salvata mill-qerda', *Il-Kunsill Tiegħek – Leħen il-Kunsill tal-Mosta*, 15 (Malta, 2001), 14.